MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 230/2009

**C & H Bartoli Limited**
**(C-383)**

**Vs**

**Robert Micallef (I.D. Card Nru. 137874M)**
**f'ismu stess u ghan-nom tal-kumpanija**
**246 Operations Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba pprezentat mis-socjetà attrici permezz ta' liema titlob li l-konvenut f'ismu proprio u ghan-nom tal-kumpanija 246 Operations Limited jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tmien mija tnejn u sittin Euro u erbgha u tletin centezmu (€862.34) bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta' *catering equipment* mibjugh u konsenjat mis-socjetà attrici lill-konvenut proprio et nomine, bl-imghax legali bir-rata ta' 8% dekoribbli mill-10 ta' Jannar 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja

datata 13 ta’ Jannar 2009 u tal-Mandat Kawtelatorju pprezentat kontestwalment mal-kawza, kontra l-konvenut proprio et nomine.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut proprio et nomine gie debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u bl-avviz tas-smigh izda dan ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li inzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi minkejja li waqt is-seduta tat-8 ta’ Mejju 2009 gie dikjarat li kien hemm il-possibilità ta’ transazzjoni bejn il-partijiet kontendenti, din it-transazzjoni ma sehhitx tant illi waqt is-seduta tal-5 ta’ Gunju 2009 xehdet Anna Antiniolo, credit controller tas-socjetà attrici.

Ra l-atti tal-kawza u l-*istatement of account* ipprezentat mis-socjetà attrici bhala Dok. « A » flimkien ma’ l-Avviz tat-Talba.

Sema’ x-xhieda ta’ Anna Antiniolo illi xehdet waqt is-seduta tal-5 ta’ Gunju 2009.

Ra illi fis-seduta tal-5 ta’ Gunju 2009 is-socjetà attrici ddikjarat li ma ghandhiex iktar provi u talbet li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Mill-*istatement of account* ipprezentat bhala Dok. « A » ma’ l-Avviz tat-Talba jirrizultaw l-ammonti dovuti mill-konvenut proprio et nomine ghad-diversi konsenji ta’ *catering equipment* mibjugha u konsenjati mis-socjetà attrici lill-istess konvenut proprio et nomine, ammontanti b’kollox ghal €862.34, bil-fattura relattiva ghall-ewwel konsenja datata 20 ta’ Novembru 2007.

Fix-xhieda taghha Anna Antiniolo ikkonfermat illi l-ammont ta’ €862.34 mitlub mis-socjetà attrici fl-Avviz tat-Talba ghadu dovut mill-konvenut proprio et nomine.

Hija xehdet illi ghalkemm il-konvenut proprio et nomine diversi drabi wieghed lis-socjetà attrici li ser ihallas l-ammont in kwistjoni huwa baqa' tfaccax u hlas ghalhekk baqa' ma sarx.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut f'ismu proprio u f'isem is-socjetà 246 Operations Limited ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' tmien mija tnejn u sittin Euro u erbgha u tletin centezmu (€862.34), bl-imghax legali dekoribbli mill-20 ta' Novembru 2007, id-data ta' l-ewwel konsenja ta' *catering equipment* mis-socjetà attrici lill-konvenut proprio et nomine sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri u tal-Mandat Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-Talba huma a karigu tal-konvenut proprio et nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------